



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 43/26

Il-Lussemburgu, 19 ta' Marzu 2026

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-530/24 | Tipico

Avukat Ġenerali Emiliou: Operatur tal-imħatri sportivi li joffri servizzi fis-suq nazzjonali mingħajr ma jkollu l-liċenzja meħtieġa jista' jkun obligat jirrifondi l-imħatri miġbura mill-ġugaturi

Għandu jkun differenti jekk l-operatur ma setax jikseb il-liċenzja minħabba nuqqasijiet li jaffettwaw il-proċedura ta' liċenzjar u l-awtoritajiet nazzjonali assigurawh li r-rekwiżit ta' liċenzjar ma kienx ser jiġi infurzat sakemm tiġi stabbilita proċedura konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea

Konsumatur Ġermaniż ressaq talbiet kontra l-operatur Malti tal-imħatri sportivi Tipico quddiem il-qorti ċivili Ġermaniżi, sabiex jirkupra l-imħatri li kien għamel u tilef fis-sit Ġermaniż ta' Tipico bejn l-2013 u d-9 ta' Ottubru 2020.

Fiż-żmien rilevanti, Tipico kellha liċenzja Maltija ¹, iżda mhux liċenzja Ġermaniża, kif meħtieġ skont id-dritt Ġermaniż ². Skont id-dritt Ġermaniż, tali offerta mhux awtorizzata ta' mħatri sportivi tirrendi l-kuntratti konklużi mal-klijenti nulli u bla effett u tikkostitwixxi tort, u b'hekk tagħti lok għal talbiet għal restituzzjoni jew għal kumpens favur il-konsumaturi affettwati. Għalhekk, mill-perspettiva tad-dritt Ġermaniż, it-talbiet miġjuba mill-konsumatur inkwistjoni kontra Tipico jidhru, bħala prinċipju, li huma fondati sew.

Madankollu, fir-risposta tagħha, Tipico targumenta li ma setgħetx tikseb liċenzja Ġermaniża minħabba ċerti nuqqasijiet fil-proċedura ta' liċenzjar.

Għalhekk, il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża tistaqsi jekk, f'ċirkustanzi bħal dawn, il-qorti ċivili aditi humiex obligati, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li jħallu s-sistema nazzjonali ta' liċenzjar mhux applikata fl-intier tagħha u, konsegwentement, li jiċħdu t-talbiet tal-konsumatur. ³

Skont l-Avukat Ġenerali Nicholas Emiliou, din id-domanda teħtieġ **risposta kkwalifikata**.

Meta Stat Membru jirrikjedi liċenzja għall-provvista ta' ċerti servizzi fit-territorju tiegħu, u dan ir-rekwiżit huwa, fil-termini, bħal fil-qasam tal-logħob tal-ażżard ⁴, kompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-qorti, għandhom id-dritt li jinfurzu dan ir-rekwiżit kontra operatur li pprova servizzi mingħajr il-liċenzja meħtieġa. Dawk il-qorti jistgħu, b'mod partikolari, jisiltu l-konsegwenzi previsti f'dan ir-rigward taħt id-dritt ċivili applikabbli.

Dan jibqa' l-każ anki fejn l-operatur ikkonċernat isostni li ma setax jikseb tali liċenzja minħabba nuqqasijiet li jaffettwaw il-proċedura ta' liċenzjar. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni tad-dritt li dan l-operatur jikseb mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija żgurata b'mod suffiċjenti mill-possibbiltà li jikkontesta il-proċedura ta' liċenzjar jew l-assenza tagħha quddiem qorti jew tribunal ⁵.

Bħala eċċezzjoni, dawn il-konsegwenzi taħt id-dritt ċivili ma għandhomx jiġu imposti għal ksur tar-rekwiżit ta' liċenzja fejn dan ikun sproporzjonat. Dan ikun il-każ fejn sorsi awtorizzati u affidabbli fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali jkun pprovdew lil-operatur ikkonċernat b'assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konsistenti li dan ir-rekwiżit ta' liċenzjar ma jkunx ser

jiġi infurzat u li, għaldaqstant, huwa jista' joffri s-servizzi tiegħu lill-konsumaturi fis-suq nazzjonali mingħajr liċenzja.

Għalhekk, **I-Avukat Ġenerali jqis li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tipprekludix lill-awtoritajiet Ġermaniżi milli jeħtieġu liċenzja Ġermaniża sabiex joffru servizzi ta' mħatri sportivi fil-Ġermanja, u lanqas tipprekludi b'mod ġenerali lill-operaturi li għamlu dan mingħajr il-liċenzja meħtieġa milli jkunu suġġetti għall-konsegwenzi taħt id-dritt ċivili, bħan-nullità tal-kuntratti li kkonkludew mal-klijenti tagħhom.** Dawn il-konsegwenzi huma, bħala prinċipju, proporzjonati mal-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur imfittex ⁶. **B'mod partikolari, in-nullità tal-kuntratti tal-logħob tal-ażżard** – li tista' tinvolvi obbligu li jiġihallu lura l-imħatri rċevuti mill-ġugaturi – tikkontribwixxi biex tiskoraġġixxi lill-operaturi tal-logħob tal-ażżard milli jevitaw is-sistema ta' liċenzjar.

Is-supremazija tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tirrikjedix li l-awtoritajiet nazzjonali jħallu mhux applikat rekwiżit ta' liċenzjar li, fih innifsu, huwa kompatibbli ma' din il-libertà kull meta operatur ma setax jikseb liċenzja permezz ta' proċedura ta' liċenzjar nondiskriminatorja u trasparenti. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-operatur ma jistax jibda jipprovi servizzi fis-suq mingħajr liċenzja bħala forma ta' "rimedju awto-preskritt", peress li dan ikun jinvolvi riskji serji għall-konsumaturi. Bħala regola ġenerali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jibqgħu intitolati li jinfurzw dan ir-rekwiżit u li jimponu l-konsegwenzi kriminali, amministrattivi jew ċivili previsti mid-dritt nazzjonali f'każ ta' ksur. ⁷

Madankollu, jekk Tipico rċeviet mill-awtoritajiet Ġermaniżi assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konsistenti li r-rekwiżit ta' liċenzjar ma kienx ser jiġi infurzat kontriha, sakemm tikkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet bażiċi, ma tista' tingħata ebda tort talli kisret is-sistema ta' liċenzjar kontenzjuża. F'tali ċirkustanzi, il-qorti Ġermaniżi għandhom jużaw il-mekkaniżmi disponibbli skont id-dritt privat Ġermaniż biex jeżentaw lil Tipico mill-konsegwenzi taħt id-dritt ċivili inkwistjoni. Jekk il-konsumaturi sofrew danni f'ċirkustanzi bħal dawn, kwalunkwe responsabbiltà tista' tinġarr biss mill-awtoritajiet pubbliċi li taw l-assigurazzjonijiet. Din il-kwistjoni għandha tiġi ddeterminata mill-qorti nazzjonali, f'dan il-każ il-Qorti Federali tal-Ġustizzja.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq kwistjoni simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Li hija intiża li tippermetti lil Tipico tipprovi servizzi ta' mħatri sportivi online minn Malta għall-Unjoni Ewropea kollha.

² Tipico ngħatat liċenzja għall-imħatri sportivi fil-Ġermanja fid-9 ta' Ottubru 2020, wara proċedura ġdida ta' liċenzjar. L-iskema ta' liċenzjar preċedenti, li kienet tipprovi għal 20 liċenzja biss, qatt ma ġiet implimentata minħabba sħarriġ ġudizzjarju u sospensjoni mibdija mill-offerenti mhux magħżula, fosthom Tipico. Skont il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, din il-proċedura ta' liċenzjar preċedenti kienet twettqet bi ksur tad-drittijiet ta' Tipico taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea għal proċedura ta' liċenzjar trasparenti u nondiskriminatorja. Speċifikament, il-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji għal 20 kienet tikser ir-rekwiżit ta' trasparenza, peress li l-Länder ma setgħux jispjegaw din il-limitazzjoni. Barra minn hekk, l-għażla mill-awtorità kontraenti tal-20 operatur li kellhom jirċievu liċenzji, minn fost dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' liċenzjar, bl-istess mod kienet nieqsa mit-trasparenza. Għaldaqstant, dik il-qorti ddikjarat li, peress li

Tipico (fost oħrajn) kienet issodisfat il-kundizzjonijiet kollha ta' liċenzjar, l-awtorità kontraenti kienet obbligata tagħtiha liċenzja. Madankollu, fl-appell, il-proċeduri ġudizzjarji ntemmew mingħajr deċiżjoni fuq il-mertu tal-kawża, peress li l-perijodu li fih kienet applikabbli l-iskema ta' liċenzjar kien skada u, fi kwalunkwe każ, il-Länder kienu adottaw skema ġdida.

³ B'teħid inkunsiderazzjoni tan-nuqqasijiet tal-proċedura ta' liċenzjar inkwistjoni, il-qrati Ġermaniżi diġà ddeċidew li ma setgħet tiġi imposta l-ebda sanzjoni kriminali jew amministrattiva fuq operatori tal-logħob tal-ażżard bħal Tipico talli offrew imħatri mingħajr liċenzja fis-suq Ġermaniż fiż-żmien rilevanti. Madankollu, il-Qorti Federali tal-Ġustizzja tistaqsi jekk il-qrati Ġermaniżi humiex preklużi wkoll milli jimponu fuq tali operatur il-konsegwenzi tad-dritt ċivili.

⁴ Fil-fatt, l-Istati Membri ma għandhom l-ebda obbligu li jippermettu lil operatori stabbiliti fi Stat Membru ieħor jipprovdu servizzi tal-logħob tal-ażżard liberament fit-territorju tagħhom. Huma intitolati li jissuġġettaw tali attivitajiet għal rekwiżit ta' liċenzjar. Barra minn hekk, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li jirrikonoxxu liċenzji tal-logħob tal-ażżard mogħtija minn Stati Membri oħrajn. Minn dan isegwi li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tagħtix direttament lill-operaturi tal-logħob tal-ażżard stabbiliti (u, skont il-każ, liċenzjati) fi Stat Membru wieħed xi dritt li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, kwalunkwe dritt bħal dan jirriżulta biss mil-liċenzja li l-operatur għandu jikseb fl-Istat ospitanti. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi lanqas ma teżiġi li l-Istati Membri jagħtu tali liċenzji lil dawk l-operaturi b'mod awtomatiku. Huma jistgħu jimponu kundizzjonijiet għal dan il-għan, sakemm tali kundizzjonijiet ikunu proporzjonati u nondiskriminatorji, u jistgħu anki jillimitaw in-numru ta' liċenzji disponibbli.

⁵ L-operatur jista', b'mod partikolari, jitlob kumpens mingħand dak l-Istat għad-danni kkawżati, inkluż it-telf ta' opportunitajiet tan-negozju.

⁶ L-għan tas-sistema ta' liċenzjar huwa li "tiggwida" l-istint tal-logħob tal-popolazzjoni lejn offerti liċenzjati, issorveljati mill-awtoritajiet nazzjonali u limitati minn rekwiżiti mfassla biex jillimitaw ir-riskji ta' infiq eċċessiv u l-vizzju tal-logħob.

⁷ Għalhekk l-Avukat Ġenerali jipproponi interpretazzjoni kkwalifikata tal-ġurisprudenza li toriġina mis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, *Placanica et*, [C-338/04](#), [C-359/04](#) u [C-360/04](#), ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 20/07](#).